## QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
### MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)

Rikors Nru: 28/2023 LC

**KORPORAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TAL-ILMA
F'ISIMHA PROPJU U GĦAN-NOM TAL-ENEMALTA**

*vs*

**CARMEN ZERAFA
(K.I. 36788M)**

**Illum, 10 ta' Jannar, 2024**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Automated Revenue Management Services Ltd (C-46054) in rappreżentanza tal-Korporazzjoni Għas-Servizzi tal-Ilma f'isimha propju u għan-nom tal-Enemalta datat it-3 ta' Frar 2023, fejn esponiet illi

> Illi l-ittra uffiċjali fuq premessa inħarġet ai termini tal-Artiklu 166A tal-Kapitolu 12, tal-Liġijiet ta' Malta, fil-konfront ta' Carmen Zerafa, nhar it-2 ta' Frar, 2009.
>
> Illi l-imsemmija ittra ġiet debitament notifikata lill-intimata kif jirriżulta mit-timbru tal-Marixall tal-11 ta' Frar, 2009.

Illi l-imsemmija ittra ġiet reża eżekuttiva fil-konfront tal-intimata nhar il-15 ta' April, 2009.

Illi l-ammont reklamat ta' tlett'elef, seba' mija, tnejn u disgħin ewro u tmiena u tlieta u għoxrin ċenteżmu (3,792.23 Ewro) għall-kont numru 1000043079 (issa bin-numru 101000129778) għadu dovut, flimkien ma' l-imgħaxijiet u l-ispejjeż, kif indikat fl-ittra uffiċjali.

Illi mid-data għaddew aktar minn ħames (5) snin u l-esponenti għandha interess illi tipproċedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tiġbor l-ammont lilha dovut.

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt illi tagħmel referenza għall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) tal-Liġijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizza tipproċedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi t-titolu fl-ismijiet fuq indikati.

Rat illi l-intimata Carmen Zerafa ġie notifikata bil-proċedura odjerna fl-24 ta' April 2023 iżda ma daħħlet ebda risposta.

Rat illi fis-seduta tas-06 ta' Ġunju 2023, deher Reuben Bonniċi għan-nom tal-Korporazzjoni rikorrenti li kkonferma bil-ġurament tiegħu illi l-ammont għadu dovut fl-intier tiegħu u li għad għandu interess fl-imsemmi titolu eżekuttiv.

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2023, dehret l-intimata debitament assistita;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Ikkonsidrat;

Illi jirriżulta mill-atti proċesswali li permezz ta' Ittra Uffiċjali datata t-2 ta' Frar 2009 maħruġa ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u notifikata lill-intimata fis-06 ta' Frar 2009, il-Korporazzjoni rikorrenti talbet lill-intimata tħallasha s-somma ta' €3,792.23 għar-raġunijiet spjegati f'aktar dettall fl-imsemmija ittra.

Illi jirriżulta wkoll li l-istess ittra ġiet reża bħala titolu eżekuttiv fil-konfront tal-intimata ai termini tal-istess Artikolu 166A fil-15 ta' April 2009.

Ikkonsidrat;

Illi r-rikors odjern qiegħed isir abbażi tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipola:

> ***"258.*** *Wara –*
>
> *Omissis*
>
> *(ċ) għeluq ta' ħames snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigward il-proċeduri meħudin skont l-artikolu 166A seta' ġie esegwit*
>
> *l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.*"

Illi kif ġie ritenut fis-sentenza **HSBC Bank Malta p.l.c. vs John Dalli et**[1],:

> *"Illi minn dan jidher li l-uniku eżami li għandha tagħmel l-istess Qorti għall-akkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u taċċerta ruħha dwar l-eżistenza tal-istess titolu eżekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-ġurament tal-istess rikorrenti. Fil-fatt, xejn iżjed ma huwa rikjest skond l-istess artikolu, lanqas in-notifika lill-kontro-parti u wisq inqas li l-istess rikors jiġi appuntat għas-smigħ."*

Ikkonsidrat;

Illi fil-każ *de quo* jirriżulta ampju li t-titolu eżekuttiv ottenut mill-Korporazzjoni rikorrenti tikkostitwixxi titolu eżekuttiv ai termini tal-Artikolu 166B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi jirriżulta ampju wkoll li l-perjodu maħsub fl-Artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta skada u l-Korporazzjoni rikorrenti għad għandha interess fl-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv;

Illi finalment, ir-rappreżentant tal-Korporazzjoni rikorrenti kkonferma bil-ġurament tiegħu ix-xorta tad-dejn li qiegħed ifittex l-esekuzzjoni tiegħu u li dan għadu dovut fl-intier tiegħu sal-ġurnata tal-lum;

B'hekk il-Qorti ma tarax raġuni għalfejn m'għandhiex tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tal-Korporazzjoni rikorrenti u dan peress li l-elementi kollha rikjesti mil-liġi huma sodisfatti.

---

[1] **HSBC Bank Malta p.l.c. vs John Dalli et**, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 18 ta' April 2002, (Rik Ġur Nru 2694/99 RCP):

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tal-Korporazzjoni rikorrenti u tawtorizza l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv ottenut fil-konfront tal-intimata bil-mandati opportuni.

Bl-ispejjez tal-preżenti a karigu esklussiv tal-intimata.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**

**Deputat Reġistratur**